# Eżami għad-Dħul
# fl-Ewwel Sena tal - *Junior Lyceum*

# 2008

# MALTI

# TIKTEB XEJN F'DAN L-ISPAZJU

***Ikteb pulit u bla żbalji. Dan jgħodd ukoll meta tikkopja minn naħa għal oħra.***

**A. Aqra din is-silta. Wara wieġeb il-mistoqsijiet b'sentenzi SĦAĦ.** **(*7 marki*)**

## TAĦWID FIT-TEMP

**Waħda mill-mistoqsijiet li ssir ta' sikwit fi żmienna hi dik dwar it-taħwid fit-temp. Hawn min hu tal-fehma li din hija waħda serja ħafna, filwaqt li oħrajn isostnu li mhijiex daqshekk serja. Il-fehma ta' ħafna ambjentalisti, madankollu, aktar ixxaqleb lejn dawk li jsostnu li din hija problema serja ħafna. *(par. 1)***

**Dan l-aħħar innutajna li l-effetti tat-tibdil fil-klima kienu qawwija ġmielhom. Dan deher fix-xita kbira li għamlet barra minn żmienha u f'ħin qasir ħafna fis-sajf ta' xi snin ilu. Barra minn hekk, ċerti pajjiżi fin-naħa ta' isfel ta' l-Ewropa, li sa ftit ta' żmien ilu ma kinux jafu x'inhu silġ, dan l-aħħar ta' sikwit qegħdin jispiċċaw miksija bis-silġ. *(par. 2)***

**Il-glaċjeri, jiġifieri dawk il-biċċiet kbar tas-silġ li nassoċjaw mal-Pol Nord u l-Pol Antartiku, dan l-aħħar qegħdin idubu wisq aktar malajr milli kienu sa ftit ta' żmien ilu. Dan kollu huwa, mingħajr dubju ta' xejn, effett tat-taqlib kbir li għaddejja minnu d-dinja. *(par. 3)***

**F'ċerti pajjiżi, is-sħana tant qiegħda tiżdied li xi xjenzjati huma tal-fehma li fil-ħamsin sena li ġejjin it-temperatura fil-Mediterran se titla' b'xi żewġ ċentigradi oħra u li l-livell ta' l-ilma baħar jista' jogħla sa metru. Għal gżira bħalma hi din tagħna, fenomeni ta' dan it-tip, b'mod speċjali bħal dan ta' l-aħħar, jistgħu jfissru ħafna. *(par. 4)***

**Ix-xjenzjati qegħdin jinnutaw ukoll li pjanti li sa ftit ta' żmien ilu kienu jikbru n-naħa t'isfel tal-muntanja, issa qegħdin bil-mod il-mod telgħin 'il fuq ifittxu t-temperatura li huma mdorrijin biha. Min-naħa l-oħra, xi prodotti li kienu jikbru f'ċerti pajjiżi, illum il-ġurnata m'għadhomx jikbru, sewwa sew minħabba n-nixfa li ħakmithom. *(par. 5)***

**Pajjiżi bħall-Ingilterra, li sa ftit ta' żmien ilu ma kinux jafu x'inhi l-problema tan-nuqqas ta' ilma, illum il-ġurnata qegħdin jagħmlu liġijiet stretti fejn jidħol l-użu ħażin ta' l-ilma. Min-naħa l-oħra, pajjiżi li llum huma foqra, hemm ċans kbir li jiftaqru aktar, minħabba li dawn il-bidliet fil-klima qegħdin iwasslu biex ħafna art tispiċċa deżert. Fil-każ ta' pajjiżi bħal Malta hemm iċ-ċans li, jekk ma noqogħdux attenti, jispiċċaw semi-deżert.** ***(par. 6)***

**Dawn u ħafna oħrajn huma xi wħud mill-problemi li qiegħda tħabbat wiċċha magħhom id-dinja sewwa sew minħabba l-kilba tal-bniedem li ma jagħrafx juża r-riżorsi tagħha bil-galbu.** ***(par. 7)***

1. X'inhija l-fehma ta' ħafna ambjentalisti dwar it-taħwid fit-temp? *(par. 1)*

___

___

2. Kif kienet ix-xita li għamlet fis-sajf ta' xi snin ilu? *(par. 2)*

___

___

___

3. X'qiegħed jiġrilhom il-glaċjeri bit-tibdil kollu li qiegħed isir fit-temp? *(par. 3)*

___

___

4. X'qegħdin ibassru xi xjenzjati li se tiġrilha t-temperatura fil-ħamsin sena li ġejjin? *(par. 4)*

___

___

___

5. X'qegħdin jagħmlu l-pjanti li sa ftit ta' żmien ilu kienu jikbru n-naħa t'isfel tal-muntanja? *(par. 5)*

___

___

___

6. X'jista' jiġrilhom pajjiżi bħal Malta jekk jibqa' sejjer dan it-tibdil kollu fil-klima? *(par. 6)*

___

___

7. X'raġuni qiegħed jagħti l-awtur ta' dan l-artiklu biex ifisser għaliex qiegħed ikun hawn daqshekk taħwid fit-temp? *(par. 7)*

________________________________________________________

________________________________________________________

________________________________________________________

**B. Mill-artiklu li għadek kif qrajt sib dan li ġej.** *(L-ewwel waħda hija lesta)* ***(6 marki)***

| | |
|---|---|
| 1. Kelma li tfisser *opinjoni (par. 1)* | **fehma** |
| 2. Espressjoni li tfisser *riċentement (par. 2)* | |
| 3. Espressjoni li tfisser *b'ċertezza (par. 3)* | |
| 4. Kelma li tfisser *fatti u ħwejjeġ li jseħħu (par.4)* | |
| 5. Espressjoni li tfisser *fi żmienna (par. 5)* | |
| 6. Kelma waħda li tfisser *nofsha* deżert *(par. 6)* | |
| 7. Kelma li tfisser *għatx kbir għal xi ħaġa (par. 7)* | |

**Ċ. Imla t-tieni sentenza b'kelma li ġejja mill-kelma ta' l-ewwel sentenza u li hija mmarkata b'tipa skura**. *(L-ewwel waħda hija lesta)* ***(8 marki)***

| | |
|---|---|
| 1. | Aħna għandna nibżgħu għas-sens tas-**smigħ.** |
| | ***<u>Isma'</u>*** *bilfors u emmen jekk trid.* |
| 2. | *Il-bnedmin kollha tad-dinja għandhom* ***jingħaqdu***. |
| | *L-__________________________ twassal għall-paċi dinjija.* |
| 3. | *Aħna għandna* ***nħobbu*** *lil kulħadd.* |
| | *L-__________________________ hija importanti ħafna.* |
| 4. | *Il-****kuntentizza*** *ma tiġix bix-xejn.* |
| | *Biex tkun __________________________ trid tkun paċi ma' kulħadd.* |
| 5. | Meta tkun fil-klassi oqgħod **attent**. |
| | *Biex ma titlifx l-__________________________ sib post għall-kwiet.* |

**D. Aqra t-test li ġej u wara wieġeb il-mistoqsijiet billi tittikkja (✓) t-tweġiba t-tajba.**

***(4 marki)***

## WIRJA DWAR IL-ĦOBŻ MALTI



Matul ix-xahar li għadda, fl-ambjent uniku tar-Razzett l-Iswed, li nsibu Ħal Ġmied, ittellgħet wirja ta' fotografija oriġinali għall-aħħar.

F'din il-wirja kien hemm varjetà kbira ta' ħobż, bziezen, galletti u biskuttelli Maltin, iffotografati minn angoli differenti, li ġibdu l-attenzjoni ta' kull min raha.

Is-Sur Leo Zerafa, il-fotografu ta' dawn ir-ritratti, qal li minħabba t-tagħmir ġdid fil-fran tagħna, qegħdin nitilfu tassew dak li jagħmel il-ħobża, il-bezzun, il-galletta u l-biskuttell Malti.

"Fid-dawl ta' dan kollu għandna noħolqu grupp ta' pressjoni favur dal-wirt ta' pajjiżna," saħaq is-Sur Mallia, is-Sindku ta' Ħal Ġmied.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Din il-kitba hija: | ittra | ☐ |
| | | rumanz | ☐ |
| | | rapport | ☐ |
| 2. | Din il-kitba fiha: | tliet paragrafi | ☐ |
| | | erba' paragrafi | ☐ |
| | | ħames paragrafi | ☐ |
| 3. | Din il-kitba fiha: | sentenza waħda | ☐ |
| | | erba' sentenzi | ☐ |
| | | ħames sentenzi | ☐ |
| 4. | Din il-kitba hija dwar: | wirja | ☐ |
| | | storja | ☐ |
| | | karattru | ☐ |

**E. Oħroġ kelma oħra minn dawk fil-parentesi.** *(L-ewwel waħda hija lesta)* ***(8 marki)***

Sur Editur,



Nixtieq niġbed l-**attenzjoni** **(ATTENT)** ta' kull min għandu għal qalbu lil pajjiżna biex jieħu ħsieb il-bajtra Maltija. Dan l-aħħar qegħdin _______________________ (IMPORTAZZJONI) ħafna bajtar tax-xewk fil-kaxxi.

F'pajjiżna, kif jaf kulħadd, għandna bajtar kemm irridu. Sfortunatament, madankollu, għal _______________________ (RAĠUNI) li wieħed forsi jasal jifhimhom, il-biċċa l-kbira ta' dan il-bajtar qiegħed ikompli jitħalla _______________________ (WAQGĦA) taħt is-siġar u ma jsir xejn bih. Sadanittant, nonfqu l-flus f'bajtar li, ħafna drabi, ikun ta' natura inferjuri għal dak Malti.

F'Malta, mill-inqas għandna tliet _______________________ (KULUR) ta' bajtar, imma dan il-bajtar kollu qiegħed imxerred f'ħafna _______________________ (GĦALQA) ta' sidien differenti. Barra minn hekk, il-bajtar ixewwek. Għal dawn ir-raġunijiet, u forsi għal raġunijiet oħra, il-bajtar mhux qiegħed jiġi sfruttat għal _______________________ (GĦAN) ekonomiċi.

Xi tgħid kieku tittieħed l-inizjattiva u minflok _______________________ (IMPORTA) il-bajtar minn _______________________ (PAJJIŻ) Mediterranji qribna, nibdew nesportawh aħna?

Ħal Bajtri Jason Camilleri

**F. Kompli dawn is-sentenzi billi ddaħħal <u>kelma waħda</u> fil vojt. Żomm l-istess tifsira tas-sentenza ta' qabel.** ***(7 marki)***
*(L-ewwel waħda hija lesta.)*

| | |
|---|---|
| 1a. | Huwa kien qiegħed jaħdem bi nhar kif ukoll bil-lejl. |
| 1b. | Mhux ***<u>talli</u>*** kien qiegħed jaħdem bi nhar, talli kien qiegħed jaħdem bil-lejl ukoll. |
| 2a. | Hija lanqas biss waqqgħet qatra. |
| 2b. | Hija __________________ waqqgħet l-ebda qatra. |
| 3a. | Huma kważi ma jonfqu xejn fuq id-divertiment. |
| 3b. | Rari jonqfu __________________ ħaġa fuq id-divertiment. |
| 4a. | Ma tistax tifhem kemm għamlet ħsara. |
| 4b. | Lanqas __________________ tista' tifhem kemm għamlet ħsara. |
| 5a. | Kważi konna għadna kif lestejna l-kamp meta bdiet nieżla x-xita. |
| 5b. | Bilkemm konna lestejna l-kamp li ma __________________ nieżla x-xita. |
| 6a. | Huma sabu l-kura għall-marda b'kumbinazzjoni. |
| 6b. | Kien __________________ b'kumbinazzjoni li sabu l-kura għall-marda. |
| 7a. | Hekk kif spiċċajna nieklu, daħlet Mariella. |
| 7b. | __________________ spiċċajna nieklu daħlet Mariella. |
| 8a. | Huwa bbukkja kemm għall-film ta' wara nofsinhar kif ukoll għal dak ta' filgħaxija. |
| 8b. | Huwa mhux biss ibbukkja għall-film ta' wara nofsinhar, __________________ bbukkja wkoll għal dak ta' filgħaxija. |

**Ġ. Aqra dan ir-reklam u wieġeb il-mistoqsijiet ta' wara.** ***(6 marki)***

***www.ġenituri-ulied.com***



Trid li wliedek ma jaqgħux lura u fl-istess ħin jagħmlu użu tajjeb mill-vaganzi tas-sajf li jinsabu wara l-bieb? *(par. 1)*

Trid li inti wkoll tissieħeb f'din l-avventura tal-kompjuter u għalhekk ma tibqax 'il bogħod mid-dinja ta' l-informatika u t-teknoloġija? *(par. 2)*

Mela qis li tapplika għal xi wieħed mill-korsijiet li l-kunsill lokali tiegħek qiegħed jipprepara. B'dan il-mod, kemm int kif ukoll uliedek, titħarrġu aktar f'suġġetti akkademiċi u fl-istess ħin tieħdu l-benefiċċji kollha li joffri dan il-mezz ta' l-għaġeb ta' żmienna. Żomm f'moħħok, madankollu, li l-kompjuter fih it-tajjeb u l-ħażin tiegħu - il-kompjuter jista' jgħallmek u jista' jfixklek. *(par. 3)*

Mela, filwaqt li żżomm saqajk ma' l-art, tgħallem int ma' wliedek, biex b'hekk mhux biss tkun kapaċi tterraq int fil-baħar vast ta' l-internet, iżda miegħek iterrqu wkoll uliedek taħt id-direzzjoni tiegħek. *(par. 4)*

Għal aktar informazzjoni idħol fis-sit www.ġenituri-ulied.com *(par. 5)*

**Sib mis-silta.**

| | |
|---|---|
| 1. Idjoma li tfisser *fil-qrib* (*par. 1*) | |
| 2. Verb li huwa mnissel mill-għerq *S-Ħ-B* (*par. 2*) | |
| 3. Verb fl-Imperattiv (*par. 3*) | |
| 4. Kelma li tfisser *iħejji* (*par. 3*) | |
| 5. Kelma li tfisser *tmexxija* (*par. 4*) | |
| 6. Kelma oħra għal *tagħrif* (*par. 5*) | |

**G. Dawn huma titli meħudin minn ġurnali Maltin.** ***(4 marki)***
**Imla l-vojt skond il-parentesi.**
**UŻA ITTRI KAPITALI, JIĠIFIERI ITTRI KBAR. Żomm f'moħħok li l-ittri kapitali ma jingħaqdux ma' xulxin.** *(L-ewwel waħda hija lesta.)*

1. Il-MIRI TURISTIĊI TAL-LUKANDI TA' **TLIET** (***IN-NUMRU 3 FI KLIEM***) STILEL SE JINTLAĦQU

2. PROPOSTI KONKRETI DWAR IL- ____________________ ***(Q-R-D)*** TAL-ĠRIEDEN

3. ____________________ ***(KELMA OĦRA GĦAL XIĦ)*** IKORRI F'INĊIDENT TAT-TRAFFIKU

4. TARBIJA TA' ____________________ ***(L-GĦADD IMTENNI TA' SENA)*** IVVUTATA BĦALA *BABY PHOTOGENIC*

5. ŻEWĠT ____________________ ***(IL-PLURAL TA' RAĠEL)*** JITRESSQU L-QORTI FUQ AKKUŻI TA' SERQ

**GĦ. Imla l-vojt skond il-kelma fil-ġenb.** (*L-ewwel waħda hija lesta.*) ***(9 marki)***

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Fil-klassi kuljum ***nitkellmu*** fuq suġġetti interessanti. | Verb fl-Imperfett minn ***tkellem.*** |
| 2. | Is-sindku ____________________ l-kuntratt ġimgħa ilu. | Verb fil-Perfett min-nom ***firma***. |
| 3. | ____________________ illum il-ġurnata għandna ħafna volontarjat. | Avverbju minn ***fortuna.*** |
| 4. | Jgħidu x'jgħidu dawk ta' ____________________, aħna se nibqgħu sejrin bil-programm tagħna. | Kelma waħda għal ***kontra tagħna***. |
| 5. | Nagħlaq billi ____________________ is-sena t-tajba lil dawk li ħadmu ma' wliedna. | Verb minn ***xtaq***. |
| 6. | Mhux bilfors li aħna ____________________ ma' xulxin f'kollox, imma dejjem tajjeb li jintlaħaq xi tip ta' ftehim. | Verb fl-Imperfett minn ***qabel***. |
| 7. | Minkejja li m'għandniex l-istess opinjoni, xorta waħda nibqgħu naħdmu ____________________. | Kelma waħda li tfisser ***ma' xulxin***. |
| 8. | Fl-opinjoni tiegħi, l-aħjar li mmorru llum, imma jekk dan ma ____________________ isir, nistgħu mmorru darb'oħra. | In-Negattiv ta' ***jista'***. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 9. | Naqbel li kulħadd għandu jkollu l-istess ____________________ fil-ħajja. | | Il-Plural ta' ***opportunità***. |
| 10. | Dawn huma __________________ tad-deheb għalina l-Maltin. | | Il-Plural ta' ***żmien***. |

**H. Immaġina li inti *J. Sacco* u li toqgħod fl-indirizz ta' l-ittra t'hawn taħt. Inti mort mal-ġenituri tiegħek jumejn f'lukanda. Meta kontu hemm ma ġejtux ittrattati tajjeb. Ikteb ittra ta' 60 kelma fi tliet paragrafi li fiha turi għalfejn qed tikteb, x'mar ħażin u x'tixtieq bħala rikumpens.** (*Jekk trid uża n-noti li hemm fuq ix-xellug.*) ***(16-il marka)***

16 Sqaq it-Tewm
Ħal Skiet SKT 0002

16 ta' April 2008

Seaside Hotel
Harbour Lane
Xemxville XMV 0004

Għażiż Sinjur/Sinjura,

Għid għalfejn qiegħed/a tikteb ______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

X'mar ħażin ______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

Ir-rikumpens – għid x'tixtieq li ______________________________

jsir minħabba l-problema ______________________________

______________________________

Dejjem tiegħek,

*J. Sacco*

**Ħ. Ikteb komponiment ta' madwar 200 kelma dwar WIEĦED minn dawn is-suġġetti.**
*Titlef il-marki jekk tikteb sentenzi kif ġie ġie u bl-iżbalji ta' l-ortografija u tal-punteġġjatura. Ara li jkollok paragrafi f'posthom. Ikteb pulit u kun immaġinattiv/a.*
*(Jekk trid tista' tagħmel użu mill-punti li hemm taħt kull suġġett.)* ***(25 marka)***

| | |
|---|---|
| **1.** | **X'nista' nagħmel jiena biex nieħu ħsieb l-ambjent**<br>*(Hawnhekk tista' tibda billi tgħid x'tifhem b'ambjent u mbagħad tgħaddi biex tikteb dwar kif nistgħu nagħmlu użu aħjar u tajjeb minn dak li nsibu fin-natura.)* |
| **2.** | **Bniedem jew bniedma li nammira**<br>*(Hawnhekk tista' tikteb fuq xi ħadd li taf mill-qrib jew fuq xi figura internazzjonali, u tgħid xi ssib fih jew fiha li jogħġbok.)* |
| **3.** | **Il-jum li fih kollox mar tajjeb**<br>*(Hawnhekk tista' tirrakkonta jum li fih kollox marlek tajjeb. Bdejt il-jum bit-tajjeb, komplejtu matul il-ġurnata u spiċċajtu bit-tajjeb, fil-lejl ukoll.)* |
| **4.** | **Ridt l-art tiblagħni bil-mistħija…**<br>*(Tista' tirrakkonta storja li ġrat lilek meta għamilt xi ħaġa mingħajr ma ridt u li minħabba fiha ħassejtek imbarazzat/a għall-aħħar. Ngħidu aħna, mort xi party ta' xi ħadd u waqqajt il-luminata fuq il-libsa ta' xi ħadd…)* |
| **5.** | **Is-sabiħ u l-ikrah tal-kompjuter**<br>*(Hawnhekk tista' tikteb dwar dawk il-ħwejjeġ tajbin u l-ħwejjeġ inqas tajbin fl-użu ta' din it-teknoloġija. Tista' titkellem dwar it-tagħrif li wieħed jista' jikseb minnu, kif ukoll dwar il-ħażin li wieħed jista' jiltaqa' miegħu.)* |

***Tmiem il-Karta***

***Tmiem il-Karta***